MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Numru. 27/2005

Il-Pulizija
(Sp Trevor Sammut)
vs
Emanuel Bonnici, bħala direttur ta’ Bonnici Brothers Ltd., iben Saviour, imwieled San Pawl il-Baħar fis-6 ta’ Frar, 1955, Karta ta’ l-Identita numru 185155(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta’ Jimmy Busuttil (Id numru 478276M), li miet fid-29 ta’ Lulju, 2004 wara l-inċident li seħħ fil-Magħtab, limiti tan-Naxxar, Malta;
2. talli ma żgurax is-saħħa u is-sgurta’ tal-ħaddiema tiegħu u dan bi ksur tal-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta (l-Att dwar l-Awtorita’ għas-saħħa u is-

Sigurta’ fuq il-Post tax-Xogħol) u ma pprovdiex l-informazzjoni adekwata, istruzzjonijiet, tagħlim, training u supervizjoni hekk kif spjegat fl-istess sezzjonijiet tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta msemmi;
3. talli ma għamilx ‘risk assessment’ bid-dettalji u bil-mod sistematiku kif jixraq u dan bi ksur tal-paragrafu 10 ta’ l-Avviż Legali numru 36 ta’ l-2003.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta’ Awwissu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 225 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 6(1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġjiet ta’ Malta; u
c. l-paragrafu 10 ta’ l-Avviż Legali numru 36 ta’ l-2003;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-29 ta’ Lulju, 2004 għal ħabta tas-1.50 p.m. il-pulizija ġiet infurmata minn tabib ta’ l-Isptar San Luqa li kienet idaħħlet persuna l-isptar fi stat imminenti li jmut u fil-fatt miet ftit wara. Irrizulta li l-mejjet kien Jimmy Busuttil li kien qed jaħdem fuq ‘excavator’ fil-‘landfill’ tal-Magħtab.

Illi mill-awtopsja li saret fuq din il-persuna jirrizulta li nstab framment tal-azzar li kien daħal f’sidru. Fil-fatt ir-rizultat tal-eżami nekroskopiku jgħid testwalmwent: “the death of

this rather young male (kellhu 27 sena) is due to hypovolaemic shock following a perforation of the lung from a shrapnel injury." Ritratt ta' dan l-oġġett jinsab fir-relazzjoni mediko-legali tat-tabib Dr. Mario Scerri a fol. 99 tal-Process Verbal, Dokument numru 1.

Illi fil-ġurnata ta' l-inċident Jimmy Busuttil kien qed jaħdem fil-post indikat fuq 'excavator'. Hu kien qiegħed hemm għaliex Bonnici Brothers Limited kien rebħu tender mogħti mill-WasteServ Malta Limited għal: "Period contract for the hire of an excavator at the Magħtab landfill". Dak in-nhar kellhu jinbidel il-parti ta' quddiem ta' dan l-'excavator' b'aċċessorju ieħor. Il-mudell ta' dan l-'excavator' kien "Caterpillar 215D". Jirrizulta li Gilbert Bonnici mar fuq il-lant tax-xogħol biex ibiddel il-'bucket' ta' dan l-'excavator'. Biex jinbidel dan l-aċċessorju hemm bżonn ta' tnejn min-nies. L-ewwel irid jinqala' l-'adaptor'. Gilbert Bonnici beda iżomm il-'pin' tal-ħadid u Jimmy Busuttil beda jsammar b'mazza fuq il-'pin' biex joħroġ l-'adaptor' minn postu. Wasal ukoll fuq il-post Clinton Camilleri li kien imur biex jara li l-inġenji ma kien jonqoshom xejn. F'dak il-ħin Jimmy Busuttil talab lil Clinton Cammilleri biex ibiddlu f'din l-operazzjoni u f'daqqa waħda Jimmy Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-oħrajn bid-demm li kien hiereġ minn sidru. Jimmy Busuttil ħassu ħażin, għajjtu għall-ambulanza u fil-frattemp għabbewh fuq karozza u ħaduħ fil-limiti tal-Magħtab biex jistennew l-ambulanza li waslet ftit wara u ħaditu l-isptar fejn tilef ħajtu.

Illi rrizulta li waqt l-operazzjoni biex jinħareġ l-'adaptor', Jimmy Busuttil kien qed juża l-mazza. F'daqqa waħda biċċa żgħira minn din il-mazza tahret u baqgħet dieħla f'sidru. Sintetikament, dan hu li wassal għall-mewt tiegħu.

Illi Clinton Camilleri, Gilbert Bonnici u Emmanuel Bonnici xehdu li dik l-operazzjoni dejjem kienet issir f'dak il-mod. Emmanuel Bonnici xehed li meta xtraw dan l-'excavator' flimkien mal-manual, kien kaxxa tal-għodda li kien biha mazza. Hu xehed li l-kumpanija minnu rappresentat għandha tmien excavators u it-tneħħija tal-'adaptor' isir dejjem bl-użu ta' pin u mazza.

Illi xehed ukoll rappresentant ta’ l-Awtorita’ tas-Saħħa u Sigurta fuq ix-Xogħol li kkonferma li din hi l-prassi tax-xogħol u mill-istħarriġ li għamel ma rrizulta ebda traskuraġni. Minbarra dan ix-xhud, l-imputat eżebixxa materjal informattiva u manwali ta’ kif jiġi operat dan it-tip ta’ makkinarju. L-imputat eżebbixa wkoll VHS video maħruġ mid-ditta Caterpillar li tindika dak kollu li għandu jsir fuq dan itr-tip ta’ makkinarju. F’dan il-video jidher ċar li biex jinbidel l-aċċessorju ta’ quddiem jintuża ‘pin’ u mazza. Għalhekk, it-tlieta min-nies li kienu l-Magħtab kienu qed jaħdmu eżatt kif il-manifattur tal-‘excavator’ kien qed jirrakomanda. Minbarra dan, l-‘excavator’ ġie konsenjat flimkien ma kaxxa għodda li kien fiha mazza. Emmanuel Bonnici xehed li fuq dan l-inġenju kien hemm mazza żgħira u oħra ikbar.

Illi ma hemm ebda dubju li l-biċċa ‘shrapnel’ misjuba fil-ġisem tal-mejjet hi parti li taret minn mal-mazza li kien qed tintuża dak il-ħin. Hemm ‘fit’ preċiza u ma hemm dubju fuq dan. Il-prosekuzzjoni qajmet id-dubju li l-materjal tal-azzar seta’ kien ‘brittle’ bl-użu kontinwu u kostanti ta’ din il-mazza. Ma sar ebda studju metallurġiku fuq din il-mazz u għalhekk affermazzjoni ta’ din it-tip hi gratwita u ta’ ebda fondament. Test vizwali ta’ din il-mazz tagħti rizultat li tali mazza kien waħda soda u effiċenti. Il-ħaddiema kienu mħarġa għal din il-biċċa tax-xogħol li del resto għalihom kienet operazzjoni ta’ ordinarja amministrazzjoni.

Illi mill-provi prodotti u speċifikatament mix-xhieda tar-rappresentant tas-soċjeta’ assikuratriċi tas-soċjeta’ ta’ l-imputat jirrizulta li l-ħaddiema kien kollha koperti b’polza ta’ assikurazzjoni.

Illi għandu jiġi rilevat ukoll li l-mejjet ma kienx impjegat mas-soċjeta’ Bonnici Brothers Limited iżda mas-soċjeta’ Bonnici Bros Contractors Limited, kif jirrizulta mix-xhieda tar-rappresentant tal-Employment and Training Corporation u mid-dokument eżebit.

Illi fuq l-iskorta ta’ dawn il-provi jirrizulta li dan kien inċident sfortunat li zgur ma kienx jaħti għalih l-imputat. Il-prassi tax-xogħol kienet qed tiġi segwita kif suppost, kif

ukoll l-inkolumita’ fuq il-post tax-xogħol kienet salvagwardjata.  Fiċ-ċirkostanżi ta’ dik il-biċċa xogħol, dak kien il-metodu li kellu jiġi segwit u ma hemm ebda mod ieħor kif tali operazzjoni tista’ tiġi esegwita.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------